MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Numru. 627/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-vs-**

**Tony Zammit**
**Christopher Mifsud**

Kumpilazzjoni numru: 627/2009

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Tony Zammit, 30 sena, iben Frank u Gracie nee’ Galdes imwieled Australia, nhar it-13 ta’ Ottubru, 1978, u li joqghod, Flat 7, Blokk 5, Triq, Fontanier, Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru. 158192M

u

Christopher Mifsud, 21 sena, iben Paul u Maria Dolores nee' Chircop, imwieled Pieta nhar il- 11 ta' Marzu, 1988 u li joqghod Flat 7, Blokk 5, Triq Fontanier, Qormi detentur ta' karta ta' l- identita' nru. 143188M.

Akkuzati talli nhar id-29 ta' Gunju, 2009, ghall-habta tas-2p.m., fi Triq Notabile, Mriehel, limiti ta' Hal-Qormi u/jew Birkirkara:

1. Ikkommettew serq ta' vettura tal-marka Isuzu, numru tar-registrazzjoni AAQ289, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Thomas Cortis u/jew ta' persuni ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Anna Cortis u lil Lara Anne Cortis kontra l-volonta' taghhom;

3. Filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. Heddew bil-fomm lill-istess Anna Cortis u lil Lara Anne Cortis b'delitt, fejn flimkien ma dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

5. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' kwantita' ta' frott u hxejjex, vettura nru. AAQ289 (hsarat fil-bumper ta' quddiem) u xi oggetti ohra, liema hsara tiskorri l-elf mija w erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (E1164.69) ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Thomas Cortis u/jew ta' persuni ohra;

6. Iktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew wara, gewwa z-zona industrijali ta' l-Imriehel, limiti ta' Hal-

Qormi, ikkommettew serq ta' cash register, kontenenti ammont ta' flus kontanti, minn vettura tal-marka Isuzu, numru tar-registrazzjoni AAQ289, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Thomas Cortis u/jew ta' persuni ohra;

Lill-Tony Zammit wahdu, akkuzat ukoll:

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, matul Triq Notabile, Mriehel, limiti ta' Birkirkara u/jew Hal-Qormi u wara, gewwa iz-zona industrijali ta' l-Imriehel, limiti ta' Hal-Qormi, saq vettura Isuzu, numru tar-registrazzjoni AAQ289, minghjar ma kienu kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u minghajr ma kien kopert b'licenza tas-sewqan relattiva;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, matul Triq Notabile, Mriehel, u wara, gewwa z-zona industrijali ta' l-Imriehel saq vettura tal-marka Isuzu, numru tar-registrazzjoni AAQ289 b'manjiera traskurata w perikoluza u, iktar, talli waqqa fit-triq materjal li kien qed jingarr;

9. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga kien misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Lill-Christopher Mifsud wahdu, akkuzat ukoll:

10. Talli kiser il-provediment ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' sentenza datata 3 ta' Ottubru, 2008 fejn l-istess Christopher Mifsud kien misjub hati ta' serq u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat l-artikoli 49, 50, 86, 249(2), 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 267, 271, 289, u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 23 tal-Kapitolu

446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll r-Regolament 63 ta’l-Avviz Legali 146 tas-sena 2003.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 8 ta’ Lulju 2009 minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja kull wiehed mill-imputati, il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, u l-ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’ kull wiehed mill-imputati. L-imputat Zammit instab hati diversi drabi ghal reati varji, pero hafna minnhom serq aggravat; huwa inghata kemm probation, sentenzi sospizi, kif ukoll habs effettiv pero jidher li huwa ghadu ma rriformax ruhu u m’gharafx jiehu l-opportunitajiet li naghtawlu biex jaghmel hekk.

Illi l-imputat Mifsud mhux qed jinstab hati ta’ l-istess numru ta’ imputazzjonijiet daqs l-imputat l-iehor u m’ghandux fedina penali refrettarja daqs dik ta’ Zammit, pero huwa ikkommetta r-reati odjerni ftit xhur biss wara li nghata probation waqt il-perjodu ta’ probation.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-unika triq hija li kull wiehed mill-imputati jinghata piena ta’ prigunerija effettiva ghal zmien li jirrifletti c-cirkostanzi partikolari ta’ taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 249(2), 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 267, 271, 289, u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 63 ta'l-Avviz Legali 146 tas-sena 2003 fuq ammissjoni ssib lill-imputat Tony Zammit hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u multa ta' elfejn u hames mitt Euro (Euro 2,500). In olltre qed tiskwalifikah min kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn.

U

Wara li rat l-artikoli 86, 249(2), 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 267, 271 u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Christopher Mifsud hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) priguneirja. In oltre l-Qorti qed titratta ma'l-imputat Christopher Mifsud ghar-reati li taghhom instab hati fit-3 ta' Ottubru 2008 u fil-waqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija qed tikkundannah ghal tlettax (13) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------